




# Dun Filippu Borg u t-twaqqif tal-Kolleġġjata Elenjana fl-1630

L-istorja ta' pajjiżna turina kif ħutna Karkariżi tal-imgħoddi minn dejjem kellhom sehem u kontribut importanti fil-ġrajjiet li b'xi mod jew b'ieħor immarkaw l-andament ta' din il-gżira ċkejkna f'nofs il-baħar Mediterran. Żgur li wieħed minn dawn il-persunaġġi huwa Dun Filippu Borg, Kappillan tal-Parroċċa ta' Birkirkara, li fi żmienu twaqqfet l-ewwel Kolleġġjata f'Malta f'din il-lokalità.

## Ħjiel ħafif dwar Dun Filippu Borg

Minkejja li ħafna mill-membri tal-kleru ta' dak iż-żmien ma kellhomx it-tip ta' formazzjoni li jirċievu l-kandidati li ser jersqu llum lejn is-Sagrament tal-Ordni Sagri, kien hemm min fosthom iddistingwa ruħu bil-kbir. Qed nirreferi għas-saċerdot Filippu Borg li, wara l-mewt tal-Kappillan Bellia fl-1594, sar Kappillan tal-imsemmija Parroċċa wara eżami diffiċli u rigoruż ferm. Raġel mimli għerf u qawwa. Kien ġej minn familja għanja li kienet tippossjedi meded kbar ta' art. Minn ġidu kien diġà ta kontribut siewi fil-bini tal-Knisja ddedikata lil Santa Marija jew kif inhi magħrufa aħjar magħna l-Karkariżi bħala l-Knisja l-Qadima, ġawhra arkitettonika mill-isbaħ.



*Il-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara, ddedikata lil Marija mtellgħa s-sema, li fiha twaqqfet il-Kolleġġjata taħt il-ħarsien ta' Sant'Elena Imp. Awg. f'Diċembru tal-1630.*

Il-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara, ddedikata lil Marija mtellgħa s-sema, li fiha twaqqfet il-Kolleġġjata taħt il-ħarsien ta' Sant'Elena Imp. Awg. f'Diċembru tal-1630.



Bħala saċerdot Dun Filippu kellu kwalifiċi li ftit oħrajn kellhom bħalu. Fil-fatt, kellu lawrja fil-liġi ċivili u dik ekkleżjastika. Għal snin twal kien eżaminatur tal-kleru u serva bħala Vigarju Ġenerali ta' mill-anqas żewġ Isqfijiet Djoċesani, jiġifieri, Tommaso Gargallo (1578-1614) u Don Baldassare Cagliares (1614-1633).

Inħatar Protonotarju Appostoliku mis-Santa Sede u għal xi żmien qeda wkoll l-uffiċju ta' Pro- Inkwiżitur f'pajjiżna. Kien l-ewwel Malti li ħaddan din il-kariga importanti f'dawk iż-żminijiet.

Tajjeb li jingħad ukoll li bħala Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi Maltija, fl-1623, kien l-ewwel wieħed fost sħabu s-saċerdoti li beda jġib it-titlu ta' Reverendissimu li jirrifletti wkoll l-awtorità li kellu fost il-kleru Malti ta' dawk iż-żminijiet. Iżda minkejja dan kollu ma tkabbarx u baqa' jwettaq il-ħidma pastorali tiegħu fost il-poplu li tant ħabb. Fil-fatt, meta fl-1608, il-Gran Mastru Alof de Wignacourt ipproponielu sabiex isir Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral, kariga li kienet prestiġjuża ferm għal dawk iż-żminijiet, hu rrinunzja għal din il-ħatra u baqa' r-ragħaj spiritwali tal-merħla li l-Mulej kien afdalu f'idejh snin qabel.

Dun Filippu, ta' bniedem viżjonarju li kien, talab lill-Papa sabiex f'Birkirkara, medda ta' art kbira b'territorju ħafna ikbar minn tal-lum, titwaqqaf Kolleġġjata. Fit-talba tiegħu lill-Papa Urbanu VIII (1623-1644), is-saċerdot Karkariż jiddeskrivi lill-art twelidu bħala pajjiż mogħni b'nies għonja, għorrief u nobbli u li fih hemm tempju mimli b'dak kollu li hu neċessarju sabiex ikunu jistgħu jiġu amministrati is-sagramenti.



Skont l-istess Borg, minħabba dawn ir-raġunijiet, kien jixraq li jwassal it-talba tiegħu lill-Papa u jurih ix-xewqa biex fil-Parroċċa, li tagħha hu kien il-Kappillan, titwaqqaf Kolleġġjata bi Prepostu, tnax-il kanonikat u daqstant prebendi flimkien ma' Vigarju Perpetwu li kellu jieħu ħsieb il-kura pastorali tal-erwieħ. Hawn nistgħu nieħdu idea tan-nozzjoni moderni u tant meħtieġa fid-dinja tal-lum. Qed nirreferi għall-famuż teamwork fejn mhux kulħadd jaħdem għal rasu imma nitgħallmu naħdmu flimkien ħafna iktar milli qed nagħmlu llum. F'termini ekkleżjastiċi tal-lum, dan jissejjaħ il-presbiterju parrokkjali. Jidher li Borg kien wieħed mill-promoturi ewlenin f'pajjiżna ta' dak li ħareġ mill-Konċilju ta' Trentu li nżamm f'din il-belt Taljana u fi bliet oħra fil-qrib bejn l-1545 u l-1563 jew kif inhu magħruf aħjar bħala l-moviment tal-Kontro-Riforma. Dun Filippu kien lest li b'att legali jagħmel għotja ta' erba' mija u għoxrin skud f'ħajtu u tliet mitt skud ieħor wara mewtu.

It-twaqqif tal-Kolleġġjata Elenjana permezz ta' Bolla Papali singulari Il-Papa Urbanu VIII laqa' t-talba umli ta' Dun Filippu f'risposta li tah permezz ta' dokument papali li jġib l-istess siġġill tiegħu. F'Bolla, jiġifieri, dokument pontifiċju, maħruġa mill-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore fil-jum għażiż tal-5 ta' Diċembru 1630, il-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara kienet mgħollija għad-dinjità ta' Kolleġġjata. Id-dokument, li fih tnejn u erbgħin paġna u nkiteb bil-Latin, juri kif fin-natura tagħha din il-Kolleġġjata li twaqqfet f'Birkirkara għandha karatteristiċi uniċi li ma nsibuhomx f'fundazzjonijiet ta' kolleġġjati oħra li ġew imwaqqfa ħafna iktar tard fi gżiritna. Wieħed mill-iktar elementi importanti li nsibu f'din il-Bolla hu dak li jistqarr li din il-Kolleġġjata kellha tkun soġġetta biss lejn il-Papa u għalhekk meħlusa mill-ġurisdizzjoni tal-Isqof Djoċesan, il-Gran Mastru u tal-Inkwiżitur. Dan kien diġà ħjiel ta' awtonomija anki jekk l-attwalità tiegħu

seħħ biss għal ftit żmien minħabba li l-awtoritajiet ta' dak iż-żmien ma tantx ħadu pjaċir b'ħaġa bħal din. Fl-istorja ta' Malta dan kien ifisser illi mal-awtoritajiet l-oħra li kellna f'dawn il-għejjer matul dak il-perjodu, li kienu l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, l-Isqof, l-Inkwiżitur u l-Università jew il-Consiglio Popolare, jiġifieri, l-gvern l-antik ta' dak iż-żmien, żdiedet ġurisdizzjoni oħra, jiġifieri, dik tal-Kolleġġjata Elenjana li għad li ma kelliex territorju kbir kienet tingħażel għaliha daqs kull wieħed mill-awtoritajiet l-oħra.

Il-kunċett ta' tmexxija awtonoma u mhux limitata hu l-isfond tax-xewqa li kellu u wera Dun Filippu. Din ix-xewqa flimkien mal-qafas storiku jkabbru l-importanza ta' din il-fundazzjoni għaliex ma kinitx xi ħaġa li ngħatat bil-benevolenza tal-ħakkiema ta' pajjiżna imma ntalbet u nqalgħet mill-Maltin għall Maltin. Jidher li l-fatt li l-Papa Urbanu VIII ma tantx kien iħares lejn l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann b'lenti tajba, setà għen sabiex tintlaqa' iktar malajr it-talba li Dun Filippu kien ressaq quddiemu. Il-ħbiberija li nibtet bejn Maffeo Barberini, jiġifieri, il-futur Papa Urbanu VIII, u Filippu Borg fiż-żmien li fih, is-saċerdot Karkariż kien qed jistudja Ruma, wkoll setgħet tgħin f'dan ir-rigward.

Il-Papa kiteb lill-Inkwiżitur fejn ordnalu jwaqqaf il Kolleġġjata bil-Kapitlu, kor, mensa kapitulari, siġill, arkivju u dak kollu li hu konness ma' Kolleġġjata filwaqt li kellu jwarrab ir-renta ta' mitt skud tad-deheb kull sena għal dan il-għan. Jidher li dak li kien hemm fil-Bolla tal-Papa ntgħoġob minn Dun Filippu u għalhekk sar kuntratt bejn il-fundatur u s-Santa Sede li fih iż-żewġ partijiet aċċettaw il-kundizzjonijiet li kienu mifthema bejniethom. L-għotja tiegħu saret fil-preżenza tal-Inkwiżitur Martinu Alfieri permezz ta' kuntratt li jinsab fl-atti nutarili ta' Ferdinando Zarb datat 14 ta' Lulju 1632. Minkejja l-protesti mill-Gran Mastru Fra Antoine De Paule u l-Isqof Don Baldassare Cagliares, minħabba li ħassew li bit-twaqqif ta' din l-istituzzjoni ġdida fi gżiritna kienet affettwata l-ġurisdizzjoni tagħhom, l-esekuzzjoni tat-twaqqif tal-Kolleġġjata seħħet xorta waħda u għadna ngawdu mill-ġid spiritwali u temporali tagħha sal-lum. Wara li nhar l-14 ta' Marzu 1635 ittieħdet id-deċiżjoni mill-Imħallef Pirovano fil-Qorti ta' Ruma, li qatagħha li kellhom jitwettqu d-digrieti appostoliċi, fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija ħadu l-pussess tagħhom l-ewwel kanonċi flimkien ma' Dun Filippu Borg li ħa wkoll il-pussess tal-Prepositura. Dan kollu seħħ nhar l-10 ta' Mejju 1635 fil-preżenza tas-sub Delegat Appostoliku, Dun Ġwann Micallef. Tajjeb li niftakru li t-tempju preżenti dedikat lil Sant'Elena Imperatriċi Awgusta kien għadu ma bediex jinbena.

## Konklużjoni

Minkejja li hawn min jargumenta li wieħed mill iskopijiet ta' Dun Filippu wara x-xewqa u r-rieda li titwaqqaf Kolleġġjata f'Birkirkara setà kien xi tip ta' poter politiku u dan mhux ta' min jeskludih, l-istess Bolla tal-Papa Urbanu VIII u t-tieni fundazzjoni, jiġifieri, dik ta' Dun Perin Borg, juru li l-iskop prinċipali kien wieħed spiritwali u pastorali fejn is-saċerdoti setgħu jaqdu aħjar lil ħuthom Karkariżi f'dak kollu li kellu x'jaqsam mal-amministrazzjoni tas-sagramenti mqaddsa u bis-servizz pastorali tant meħtieġ għall-komunità nisranija kollha. L-ewwel kelmiet tal-Bolla, jiġifieri, Sacri Apostolatus Ministerio jew (aħna li qegħdin) fil-ministeru sagru tal-appostolat ukoll jitfa' dawl fuq is-sens pastorali ta' dokument bħal dan. Wieħed jasal biex jifhem li minn żmien għal żmien ikun meħtieġ xi tip ta' riforma f'dak li għandu x'jaqsam mal-mod kif titmexxa istituzzjoni daqstant sinjura fit-tfassil tagħha imma l-opra oriġinali m'għandha tintmess qatt. Il-Kolleġġjata Elenjana, mwaqqfa f'Birkirkara nhar il-5 ta' Diċembru 1630, tagħmel sens proprju għaliex iġġib f'xirka waħda l-kleru u l-lajċi li qed jibbenefikaw mill-ġid spiritwali li joħroġ minnha. Jalla, aħna u l-ġenerazzjonijiet ta' warajna jibqgħu jgħożżu ma' qalbhom dan il-patrimonju imprezzabbli li ħallewlna missirijietna.

*Andrè Azzopardi*